SANNAT

Minuti tal-għaxar laqgħa tas-seba' tal-leġislatura tal-Kunsill Lokali Sannat li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Erbgħa, 13 ta' Jannar 2010 fis-7.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| | Guda Taddeus Bajada |
| | Manuel Tabone |
| | Joseph Bajada |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

409 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru disa' li saret fil-12 ta' Diċembru u l-minuti tal-istess laqgħa li tkompliet fis-16 ta' Diċembru 2009.

**Item 2. Mill-Minuti**

410 *(para. 327)* Il-perit kiteb lit-Taqsima tal-Proprjeta' tal-Gvern dwar il-linja diviżorja mal-proprjeta' ta' John Grima li għandu fit-28 ta' April 1688, li tmiss mal-bini tal-Kunsill il-ġdid. Huma ġew mitluba sabiex jigu fuq il-post ħalli jimmarkaw il-linja skont il-*airal photos* tal-MEPA. Is-Sur Camilleri mit-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern ġej nhar il-Ħamis, 21 ta' Jannar 2010 sabiex tiġi dimarkata l-lina diviżorja ħalli l-Kunsill jkun jista' jibni l-ħajt diviżorju.

411 *(para. 372)* Nhar it-Tnejn 10 ta' Jannar 2010 saret laqgħa mas-Sur Saviour Ellis A. F. ta' Ellis (Marble Works) Ltd. fil-preżenza tal-avukat u l-perit tal-Kunsill dwar l-offerti tiegħu tal-Granit/Irħam tat-taraġ tal-uffiċċju amministrattiv il-ġdid. Is-Sur Ellis ikkonferma li l-ammont li hemm fuq il-*Bill of Quantities* hi l-ispiża totali tax-xogħol kollu. Il-Kunsill għażel u approva l-granit *Giallo Veneziano Light* għall-prezz ta' €5,772.19ċ. Fil-kuntratt għandu jinkiteb li l-kuntrattur ma jistax jitlob iżjed spejjez tax-xogħol. Dan ix-xogħol ma jinkludix l-extra għal *Carbundum strips* jew *stainless steel strips* jekk jiġu ordnati.

412 *(para. 386)* L-atttivita' tal-Milied għat-tfal saret nhar is-Sibt, 26 ta' Diċembru 2009. Kien hemm attendenza tajba.

413 *(para 388)* Il-ħarġa tal-Milied għal kulħadd saret fid-29 ta' Diċembru 2009 kif kien previst.

414 *(para. 397)* Dwar il-proċess tal-impieg ta’ Skrivan Part Time, is-Sindku ppropona li fil-bord tal-għażla jiġi maħtur ukoll is-Sur Noel Formosa. Il-Kunsill approva din il-ħatra.

**Item 3 Korrispondenza**

415 Memo 85/2009 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-posta eletronika għal kull Kunsillier.

416 Memo 86/2009 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-ħlas ta’ Performance Bonus tal-impjegati.

417 Memo 87/2009 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar kuntratti minn Kunsilli Lokali mal-iskemi għal ġbir ta’ skart separat. Ingħataw struzzjonijiet li t-terminu tal-kuntratt ma għandux ikun ta’ aktar mill-31 ta’ Diċembru 2011.

418 Memo 88/2009 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar seminar informattiv u tqassim tal-liġi l-ġdida.

419 Memo 89/2009 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-*allowance* tal-Kunsilliera.

420 Memo 90/2009 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar diversi Skemi ta’ Fondi Speċjali għas-sena 2010.

421 Memo 1/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar tqassim ta’ dokumenti lill-Kunsilliera.

422 Memo 2/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Fond ta’ Ko-Finanzjament għal proġetti tal-Kunsilli Lokali taħt programmi tal-Unjoni Europea.

423 Memo 3/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Tibdil fl-Onorarju tas-Sindki.

424 Memo 4/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar *Risk Assessment* tal-*playing fields* li ser madwar il-playing fields kollha tal-Kunsilli Lokali ta’ Malta u Għawdex.

425 Memo 5/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-Urban Improvement Fund tal-MEPA. Il-bilanċ ta’ fondi għal lokalita’ ta’ Sannat hemm allokati €8,491. Dan l-ammont jibqa jiżdied minn għal żmien skont l-applikazzjonijiet għal żvilupp li jiġu sottometti u approvati mill-MEPA.

426 Memo 6/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar taħriġ għal Kunsilliera fuq l-email u l-internet.

427 Memo 7/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Skema għal aċċessibilita’ aħjar fil-lokalitajiet. Zmien hemm sat-12 ta’ Frar 2010.

428 Memo 8/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar xogħlijiet ta’ trinek fit-toroq mill-Kunsilli Lokali.

429 Memo 9/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar xogħol fuq toroq residenzjali. Hemm €5.2 miljuni allokati biex jintefqu fuq toroq. Sa’ l-aħħar ta’ Jannar 2010 trid tintbgħat lista ta’

toroq li huwa ppjant li jsir xogħol fuqhom permezz tal-budget allokat għal din is-sena. Il-Kunsilli Lokali għandhom sa l-aħħar ta' Jannar 2010 sabiex jibagħtu l-lista tat-toroq li hu ippjanat li jsir xogħol fuqhom permezz tal-budget allokat għal din is-sena.

430 Memo 10/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar skema ta' proġetti ta' Enerġija Alternattiva. Sal-aħħar ta' Jannar 2010, il-Kunsilli interessati għandhom jindikaw xi proġetti jixtiequ jwettqu. Spjegazzjoni qasira tal-progett u stima approximattiva tal-proġett.

431 Memo 11/2010 mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar ERDF AXIS 2 Pre-Call għal proġetti b'aktar minn €2miljun fil-qalba tal-lokalitajiet. Dan biex jiġu iikkrejati spazji għal pubbliku lokali u turisti fiċ-ċentri tal-lokalitajiet u jassistu biex jkun hemm għarfien aħjar tal-identita' tal-lokalita' kif ukoll tal-karatteristiċi ta' dik l-lokalita'. Ser isir seminar dwar dan.

432 Memo 12/2010 mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar għajnuna għat-tħawwil ta' siġar. Trid tintbagħat ittra flimkien ma' site plan waħda jew iżjed fejn hu maħsub li jitħawlu s-siġar li ser jingħataw. Kemm hemm bżonn siġar. X'tip ta' siġar u l-art indikata fuq is-site plan ta' min hi. Żmien hemm sa l-aħħar ta' Jannar 2010. Il-Kunsill qabel li jintalbu numru ta' siġar sabiex jitħawlu f'Ta' Dun Luqa u Ta' Saguna.

433 Memo 13/2010 mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar il-Laqgħa tal-Lokalita' u l-preparazzjoni tal-Estemi Finanzjarji u l-Pjan ta' Ħidma għas-sena 2010. Il-Kunsill qabel li għal laqgħa tal-lokalita' jintbagħtu l-avviżi fid-djar.

434 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex sat-18 ta' Jannar 2010 nagħtu l-informazzjoni:

1. Dwar x'toroq hemm ippjanati li jsiru matul l-2010 mill-allokazzjoni normali.
2. Jekk il-Kunsill hux interessat jidħol fil-PPP (Public Private Partnership).
3. Jekk iva, kemm-il triq huwa maħsub li jdaħħal f'dan it-tender tal-PPP.
4. Kemm hemm toroq residenzjali li għadhom ma sarux fil-lokalita'.

435 Ittra mill-*Malta Council for Science and Technology* dwar *Science in the Community events*. Dwar din il-Kunsill għamel l-applikazzjoni ta' interess li ssir *event* fil-lokalita'.

436 Itta mis-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni li flimkien mal-Kunsill Lokali Pembroke ser jilqa' madwar 200 rapprezentant minn bliet Ewropej affiljati mal- organizzazzjoni ECAD ( *European Cities Against Drugs*) għal konferneza annwali li fl-2010 ser issir f'pajjizna. Il-Kunsilli Lokali huma mħeġġa jipparteċipaw f'din il-konferenza li ser issir f'Għawdex bejn it-12 u t-23 ta' April 2010.

437 Ittra mill-Kumitat għat-Tismijiet tat-Toroq għal Għawdex li ġie approvat l-isem ta' triq ġdida fi Triq Skerla u tissemma Triq il-Barumbara tal-Bies, kif ukoll li Triq ġdida fi Triq Xabbata tissemma Triq il-Paranji.

438 Ittra mill-Malta Tourism Authority dwar il-*European Destinations of Excellence Award Project* bit-tema *Aquatic Tourism*.

439 Ittra mill-kumpanija Europe Direct Mosta, Malta fejn offrew l-għajnuna tagħhom lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' *Town Twinning tal-EU – Action 1 – Active Citizens for Europe*. Il-Kunsill għandu jqabbad lil din il-kumpanija sabiex tieħu ħsieb tal-applikazzjoni tal-Gemellaġ li l-Kunsill għandu ma Pisoniano. Din l-applikazzjoni trid isir sa 1 ta' Frar 2010.

440 Ittra mill-Bord ta' Evaluazzjoni għall-Inizjattivi Sportivi sabiex issir laqgħa magħhom. Din il-laqgħa kellha tiġi posposta għaliex fl-istess ħin kien hemm seminar importanti mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-preżentazzjoni tal-liġi l-ġdida.

441 Ittra mingħand C. Sah sabiex tagħmel klassijiet tal-Yoga għar-residenti ta' Sannat.

442 Ittra mingħand il-pulizija sabiex jekk il-Kunsill ikollu xi problemi dwar droga fil-lokalita' jiġi kkuntatjat is-surgent Oscar Baldacchino.

443 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-programm *ICT-PSP tal-Competitiveness and Innovation Framework Programme (CIP)*.

444 Ittra mingħand Galea Curmi Consultants li l-avviż fuq l-*EU Official Journal* for *public procurement tal-PV system* għal Kumitat Kunsilli għall-Enerġija Alternattiva li ġie sottomess bin-numru tar-riferenza 2009-147599. Issa ser jinħareġ l-avviz fuq il-gazzetta tal-gvern.

445 Ittra dwar konferenza mill-Koperattivi Maltin bit-tema *Cooperatives for a Sustainable Environment* li ser issir fit-22 ta' Jannar 2010 fid-Dolmen Hotel.

446 Ittra dwar konferenza fuq l-Epilessija li ser issir fil-20 ta' Frar 2010.

447 Intbagħtet kopja tal-applikazzjoni tar-*Rural Partner Exchange – Life long learning* etc.

448 Ittra dwar suġġeriment li sar minn Paul Curmi mill-Munxar sabiex jinħareġ Fuljett dwar Għawdex mill-Kunsilli Lokali flimkien mal-MTA.

**Item 4. Kommunikazzjoni mis-Sindku**

449 *(para. 354)* Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-iskart separat hemm żewġ kumpaniji li qed joffru is-servizzi tagħhom biex jieħdu l-iskart separate b'xejn. Dawn huma l-Green MT Ltd. u Green Pak Ltd. li qed jagħmlu l-offerti tagħhom. It-tnejn li huma qiegħdin joffru inċentivi tajbin. L-aħħar offerta ta' inċentivi kienet dik ta' Green Pak li offrew inċentivi aħjar. S' issa għadha ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni, lanqas mill-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex. Dwar l-offerti tal-ġbir ta' l-iskart domestiku mħallat f'Għawdex għadu ma sar xejn.

**5. Preparazzjoni għal Karnival**

450 Il-programm għal Karnival ta' din is-sena ser ikun jikkonsisti f'dan il-programm:

Il-Karnival ser jiġi ċċelebrat nhar it-Tnejn 15 ta' Frar 2010. Mistiedna għandhom ikunu l-ġruppi folkloristiċi minn Sannat "Is-Sinnet" u "Ta' Saguna". Magħhom għandhom jiġu mistiedna ġruppi taż-żeffiena adulti li ser ikun hemm kif ukoll skejjel li minhom jkun hemm tfal minn ta' Sannat. Għal din is-sena ser tiġi ntrodotta l-kukkanja u jinġabu tar-Red Cross. Il-post għandu jkun fejn il-każini tal-futboll u tal-banda.

Bħala kompetizzjonijiet għandu jkun hemm żewġ kategoriji li huma:

SANNAT

**Kategorija (A) – Kostumi Karnivaleski.**

Din tkun maqsuma fi tnejn. Waħda għal dwak il-kompetituri mir-raħal ta' Sannat u oħra għal kompetituri barranin. Barra li jingħataw l-ewwel, it-tieni u t-tielet premju għal kull taqsima, ser tingħata wkoll tifkira li tikkonsisti fi ktieb lil kull min jidħol f'din il-katergorija.

**Kategorija ( B) - Maskarati Spontanji**

Din il-kompetizzjoni ser tkun għall-aħjar Maskarati Spontanji, fejn jingħataw kotba lil aħjar tlieta.

**Item 5. Tqassim ta' Dikasteri lill-Kunsilliera**

451 Is-Sindku qassam id-dikasteri lill-Kunsilliera li huma:

**Sindku:** Ippjanar, Infrastrutura, Żgħażagħ, Għaqdiet fir-raħal, Relazzjonijiet Internazzjonali, Anzjani, Chairman EU Funding, Kultura, Wirt Storiku Ambjentali u Sports.

**Viċi Sindku:** Jassisti lis-Sindku fid-dikasteri tal-Ippjanar, Infrastrutura, Wirt Storiku u Ambjentali u Anzjani.

**Il-Kunsillier Taddeo Bajada:** Kumitat Konġunt, Traffic Management, Kummerċ, Turiżmu, Edukazzjoni u jassisti lis-Sindku fid-dikasteru tal-Isports.

**Il-Kunsillier Manuel Tabone:** Żvilupp Soċjali, Saħħa, Sigurta' u Aċċessibilta', Relazzjonijiet Pubbliċi u jassisti lis-Sindku fid-dikasteru tal-EU Funding u dak tal-Kultura.

**Il-Kunsillier Joseph Bajada**: Dawl tat-Toroq u Indafa Pubblika.

**Item 7. Materja oħra**

452 *(para. 390)* Rigward id-dikjarazzjoni konġunta li għamlu lill-Kunsilliera Manuel Tabone u Joseph Bajada, is-Sindku rrisponda bil-miktub u talab biex din tiġi annessa mal-minuti bħala Annex 1.

453 Nhar it-Tnejn, 11 ta' Jannar 2010 saret laqgħa fl-uffiċċju tal-Kunsill għal kuntratturi li qed jaħdmu fuq il-bini tal-uffiċċju tal-Kunsill il-ġdid. F'din il-laqgħa kien hemm preżenti wkoll il-perit u l-avukat tal-Kunsill. Bħala kuntratturi kien hemm dak tal-bini, tat-tiħkil, żebgħa u tqiegħid tal-madum, dak tal-elletriku u l-mastrudaxxa. Din il-laqgħa saret sabiex jiġi kkordinat ix-xogħol. C. Grech Marbles ġabu l-materjal li kien għad baqagħlhom iġibu. L-electrician talab biex jingħata xi ħaga tal-flus bejn kont għax-xogħol li qed jagħmel. Il-Kunsill approva li jsir dan il-ħlas.

**Item 7. Ilmenti**

454 Paul Pace, Redentur, Triq ta' Ċenċ talab sabiex fi Triq Ras in-Newwiela hemm bankina bil-kurduna u bla konksos tiġi rranġata. Din qiegħda fil-parti fejn mhix mibnija.

455 Cecilja Bajada ta' 70, Triq il-Kbira qalet li hemm Stop fuq pole fl-art biex teħel mal-ħajt u plakka tal-isem it-Triq l-10 ta' Ottubru 1942 miksura u għandha tiġi mibdula. It-tabella *Stop* għandha tinbidel imma tibqa fuq il-*pole*.

Peress li kienu saru d-9.30 ta' filgħaxija, il-laqgħa ġiet aġġornata biex tkompli nhar it-Tnejn, 18 ta' Jannar 2010 fis-7.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Annex 1



Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535